MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 111/2003/1

**Nicky Saliba**

**v.**

**Kunsill Lokali tan-Nadur**

**__Il-Qorti__**:

**__Preliminari__**

**1.** Dan huwa appell – proprjament zewg appelli, ghax hemm appell incidentali – dwar rata ta’ hlas ta’ xoghol

esegwit mill-attur wara li rebah sejha ghall-offerti (*tender*) mahruga mill-Kunsill Lokali tan-Nadur. Is-sentenza appellata nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fil-25 ta' Ottubru 2007. L-appell tal-Kunsill Lokali tan-Nadur gie ntavolat fl-14 ta' Novembru 2007. Ir-risposta, bl-appell incidentali maghha, giet prezentata fl-10 ta' Dicembru 2007. L-appell instema' fis-7 ta' Dicembru 2009 u thalla ghas-sentenza ghal-lum. Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza qed tigi riprodotta fl-intier taghha s-sentenza appellata u li minnha jirrizultaw il-premessi u t-talbiet fic-citazzjoni, l-eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:

**"Il-Qorti:**

"Ic-citazzjoni tal-attur taqra:

"Illi huwa kien rebah tender minghand il-Kunsill Lokali konvenut sabiex iwettaq xoghol fil-gnien maghruf bhala 'Ta' Kenuna' fin-Nadur, Ghawdex;

"Illi l-maggor parti minn dan ix-xoghol suppost li kien jikkonsisti f'xoghol ta' gebel tas-sejjiegh illi ghalih l-attur kien sejjer jithallas bir-rata ta' hames liri u ghoxrin centezmu (Lm5.20) u hames liri u sebgha u disghin centezmu (Lm5.97) kull metru kubu;

"Illi pero` fil-kors tal-ezekuzzjoni ta' dan ix-xoghol it-tip ta' xoghol illi l-attur gie rikjest illi jezegwixxi mill-Kunsill Lokali intimat imbidel radikalment u minflokk l-attur gie mitlub jaghmel xoghol maghruf bhala 'tal-gagazza' fis-sens illi minflokk ma jintuza gebel tas-sejjiegh huwa kellu jirranga l-gebel provdut lilu billi jikissru bl-idejn u jaccerta ruhu illi l-wicc tax-xoghol jkun regolari ferm aktar minn meta il-hitan jinbnew semplicement tas-sejjiegh;

"Illi meta l-attur lesta x-xoghol dan tkejjel u dwar il-kejl tax-xoghol ma jidhirx illi hemm problema;

“Illi hemm problema invece fuq ir-rati li bihom l-attur ghandu jithallas tax-xoghol ezegwit minnu ghaliex fil-waqt illi l-attur jezigi illi huwa jithallas ir-rata korrenti ghall-xoghol tal-gagazza, il-Kunsill Lokali qieghed jinsisti illi l-attur jithallas biss bir-rata tal-gebel tas-sejjiegh – kif originarjament mifthem fit-tender;

“Illi skond il-kalkoli tal-attur huwa ghad fadallu jithallas l-ammont ta’ sitt elef tmiem mija u tmienja u disghin lira maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm6898.64). Il-Kunsill Lokali konvenut qieghed jsostni illi huwa ghandu jithallas biss l-ammont ta’ seba’ mija u erbgha u tletin lira maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm734.87);

“Talab ghalhekk lil-konvenut [ighid] ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. tistabilixxi, okkorrendo ad opera ta’ perit nominand, ir-rata illi biha l-attur ghandu jithallas ghax-xoghol ta’ gagazza ezegwit minnu minflokk dak tal-hajt tas-sejjiegh originarjament miftiehem;

2. tillikwida l-ammont bilancjali illi ghadu dovut mill-konvenut lilu;

3. tikkundannha lill-konvenut sabiex ihallas dan l-ammont hekk likwidat lill-attur.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Settembru 2003 u tal-ittra interpellatorja tal-24 ta’ Jannar 2003. Bl-interessi, b’effett mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti esebiti;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kunsill Lokali Nadur li eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi kif iddikjara l-istess attur fic-citazzjoni tieghu x-

xoghol li sar minnu kien ai termini ta' kuntratt illi huwa nghata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur u l-kont li nhareg mill-contracts manager fil-fatt inhadem skond ir-rati moghtija mill-attur stess fl-offerta tieghu;

2. illi kif jammetti l-istess attur fic-citazzjoni tieghu dwar il-kejl tax-xoghol m'hemm l-ebda differenza bejn il-kontendenti, izda l-attur qed jippretendi li jithallas b'rati differenti (aktar mid-doppju) ta' dak li ssottometta huwa stess fl-offerta. Ghaldaqstant it-talba tieghu ma tistax tigi milqugha aktar u aktar meta qabel dan ix-xoghol fi Gnien ta' Kenuna kien diga` hadem xoghol iehor simili ghal Kunsill Lokali tan-Nadur bir-rati moghtijin minnu u ma kien hemm l-ebda kwistjoni dwar il-pagament.

3. illi l-konvenut diga` hallas dak kollu dovut skond il-kont redatt mill-contracts manager, l-Inginier Ruben Curmi, bir-rati sottomessi fit-tender, hlief ghall-bilanc ta' Lm734.87 liema bilanc gie offrut diversi drabi lill-attur, anka permezz ta' cekk, li minn naha tieghu irrifjuta li jsarfu anzi rritornah lura. Ghaldaqstant il-konvenut m'ghandu jbati ebda spejjes ta' din il-kawza.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa l-lista tax-xhieda.

"Semghet u ezaminat ix-xiehda;

"Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

"Rat in-noti rispettivi ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

"Ikkunsidrat:

"Illi johrog car li l-vertenza tibbaza ruhha esklusivament fuq il-quantum tal-hlas. M'hemmx kontestazzjoni li l-attur tqabbad biex jaghmel xoghol ta' bini ta' hitan fil-gnien maghruf bhala 'Ta' Kenuna' fin-Nadur, Ghawdex. Lanqas mhu in disputa l-kejl tax-xoghol jew il-kwalita` tieghu. Id-divergenza kollha tippernja ruhha fuq li fil-waqt li l-attur qieghed jitlob hlas tax-xoghol skond kif stmat mill-Perit imqabbad minnu, cjoe` il-Perit Edward Scerri, l-konvenut

Kunsill Lokali qiegħed isostni fuq ħlas skond l-istima maħruġa mill-Engineer Ruben Curmi, l-contracts manager, appuntat mill-Kunsill sabiex iħares il-proġett. Hemm qbil bejn il-partijiet dwar li x-xogħol in kwistjoni kien regolat minn 'tender' maħruġ mill-Kunsill fis-sena 1999 għall-bini ta' ħitan tas-sejjieħ fin-Nadur. Hemm qbil ukoll illi fost ix-xogħol li kien inkluż f'dan it-'tender' kien hemm dak meritu din il-vertenza in segwitu tal-offerta magħmula mill-attur u aċċettata mill-Kunsill Lokali.

"Issa tajjeb jingħad f'dan l-istadju li l-Qorti mhiex interessata dwar xogħol ieħor li għamel l-attur u li għalih tħallas u dwaru ma' kinitx inqalet ebda disputa. Din odjerna tirrigwarda biss xogħol li sar f'dik l-arja magħrufa bħala l-Ġnien ta' Kenuna u l-Qorti ser tikkonċentra u tissofferma ruħha fir-rigward dan ix-xogħol biss.

"Illi min-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti d-differenza bejn il-kontijiet magħmula minn naħa waħda minn Ruben Curmi (għall-Kunsill) u min-naħa l-oħra mill-Perit Edward Scerri (għall-attur) hi spjegata fil-kliem segwenti: il-Kunsill Lokali jsostni li "filwaqt li l-contracts manager kien applika r-rati tal-kuntratt, kif sottomessi fit-'tender' tal-attur stess, l-Perit Edward Scerri kien qed japplika kollox għal darbtejn jew tlett darbiet. Fil-kont tiegħu l-Perit tal-attur niżżel xogħol ta' bini tas-sejjieħ u żied ukoll xogħol ta' gagazza fuq l-istess ħitan"; l-attur da parti tiegħu jgħid illi kien il-Kunsill Lokali u l-imsemmi Curmi li kienu ordnawlu li juża siment u "għaldaqstant ma jistax [il-Kunsill] jibqa' jitratta x-xogħol magħmul mill-attur bħala li jikkwalifika sempliċement taħt item 1 u 2 [tat-tender]. Il-Kunsill qiegħed jippretendi illi l-kostruzzjoni l-ġdida għandha titħallas bl-istess rata tal-kostruzzjoni tal-ħajt tas-sejjieħ bil-metodu tradizzjonali, anke jekk fil-fatt, fuq talba tal-Kunsill stess, intużat teknika differenti u li tinvolvi aktar xogħol". Fi kliem ieħor, kif spjegat ukoll fix-xiehda ta' Curmi u l-Perit, fil-waqt li ta' l-ewwel adotta r-rati applikabbli għal bini ta' ħajt ta' sejjieħ tradizjonali, l-Perit applika kemm dawn ir-rati u dawk applikabbli għal xogħol ta' gagazza flimkien.

“Illi in vena legali hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi r-rabta kontrattwali fil-kaz in disamina, fin nuqqas ta’ kuntratt ta’ appalt formali, hu t-‘tender’ mitfuh u accettat rispettivament mill-attur u l-Kunsill Lokali. Dan ta’ l-ahhar kien ippublika specifikazzjonijiet f’‘tender’ u l-attur kien tefa’ offerta li giet accettata.

“Illi dwar l-ispecifikazjonijiet (ara folio 90) din il-Qorti tissenjala zewg paragrafi minnhom (it-tielet u r-raba’) li fil-fehma taghha jikkonducu ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Fil-paragrafu tlieta hemm mitlub li tinghata rata ghal kostruzzjoni ta’ “authentic rubble walls, that is walls which consist entirely of rubble stone and which are to be constructed according to the rules of trade employed in the construction of rubble walls (hajt tas-sejjieh), oltre ma rati “for the construction of soft limestone walls consisting of regular soft limestone masonary and faced with rubble (dak li l-Qorti qeghdha tifhem li hi ‘gagazza’). Ir-raba’ paragrafu jghid illi “The local council WILL NOT be liable to pay any extra expenses incurred by the contractor in using more material quantities than those stipulated, unless the architect in charge and the local council have approved before or during the works the use of extra materials and the prices to be paid for these extra materials and expenses”.

“Issa, mill-provi l-Qorti fehmet illi fix-xoghol l-attur bena hitan tas-sejjieh li rega’ ksiehom minn barra bil-metodu tal-gagazza u ghalhekk, u billi ghandu jirrisulta car li dan ix-xoghol kien ordnah l-Kunsill Lokali, il-hlas tieghu ghandu jirrifletti x-xoghol li sar. Il-Qorti hawnhekk ma kelliex il-konfort ta’ Perit Tekniku billi l-ebda parti ma sostniet in-nomina tieghu. Dan pero’ m’ghandux ikun ta’ xkiel ghas-soluzjoni tal-vertenza billi kif fehmet din il-Qorti l-hitan inbnew tas-sejjieh u sar kisi permezz ta’ gebel zghir imwahhal mal-istess hajt b’siment abjad. Dan kollu allura applikat il-principji tal-ekwipollenza iwassal lil din il-Qorti sabiex tadotta bhala likwidazzjoni ta’ dak dovut lill-attur il-kwantum iffissat mill-contracts manager tal-Kunsill Lokali flimkien ma’ nofs l-ammont tad-differenza stmata mill-Perit Edward Scerri li kien ingaggjat mill-attur.

"Illi konsegwenza ta' dan ir-ragunament li ghada kif spiegt il-Qorti l-Kunsill Lokali jigi tenut li jhallas lill-attur is-somma komplessiva ta' Lm3817 li tinkludi fiha is-somma ta' Lm734.87 rappresentanti l-bilanc mhux kontestat mill-Kunsill Lokali dovut fuq il-kont maghmul mill-contracts manager.

"Taqta' u tiddeciedi ghalhekk illi fil-waqt li qeghdha tilqa' t-talbiet tal-attur limitatament fl-ammont ta' Lm3817, qeghdha tikkundanna lill-konvenut Kunsill Lokali sabiex ihallas dan l-ammont bl-imghax li jibda jiddekorri mil-lum.

"Dwar l-ispejjez tal-kawza tordna li jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**"**

## <u>L-appell u l-appell incidentali</u>

**2.** L-aggravji tal-Kunsill konvenut kontra din is-sentenza jirrigwardaw il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar kif inbnew il-hitan, il-kalkolu tal-ammont li kellu jithallas u n-nuqqas li jigi applikat il-principju *pacta sunt servanda*. It-talba tal-Kunsill appellant hija s-segwenti:

"*...il-Kunsill Lokali appellant filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi gia' prodotti u ghal provi ohra skond il-Ligi li huwa jirrizerva d-dritt li jipproduci, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi fil-hamsa u ghoxrin (25) t'Ottubru 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali appellant, tichad it-talbiet tal-attur Nicky Saliba, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellant Nicky Saliba."*

**3.** Fir-risposta ghall-appell, l-attur talab li s-sentenza ghandha tigi konfermata in parte, u, kif diga` nghad aktar 'l fuq, ipprezenta kontestwalment appell incidentali.

**4.** Fl-appell incidentali, l-appellat fisser li "*il-hitan mibnija mill-esponenti jikkombinaw fihom infushom iz-zewg elementi ta' tradizzjonalita` (minhabba in-nuqqas ta' hajt tal-kanun f'nofshom) u uniformita` u pjacevolezza tal-hitan tal-gagazza. Galadarba dan huwa hekk, ma kienet tezisti ebda raguni jew gustifikazzjoni il-ghala l-Ewwel Onorabbli Qorti ma taccettax ir-rati suggeriti mill-Perit Edward Scerri fl-intier taghhom, izda minflok tipprova twettaq gustizzja salomonika billi taqsam id-differenza fejn dawn ir-rati u dawk applikati mill-'contracts manager' Ruben Curmi*." L-appellat talab ghalhekk li t-talbiet tieghu (jigifieri li jithallas is-somma ta' €16,069.51 ekwivalenti ghall-munita l-qadima ta' Lm6898.64) ghandhom jigu accettati fl-intier taghhom.

**5.** Ma gietipprezentata ebda risposta ghall-appell incidentali mill-Kunsill konvenut.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**6.** Din il-Qorti ghandha quddiemha appell li fih zewg (2) aggravji li jikkoncernaw id-determinazzjoni tal-*quantum* tar-rizarciment u cioe`:

a. skond il-Kunsill appellant l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-hitan inbnew bis-sejjieh u nksew bil-gagazza[1], kif ukoll fil-kalkoli dwar l-ammont li kellu jithallas; u,

b. l-ewwel Qorti naqset li tapplika l-principju tal-*pact sunt servanda* fir-rigward tal-kuntratt ut sic (cioè mal-kundizzjoni fil-paragrafu 4 ta' li Specifications tat-tender) ta' bejn il-partijiet.

Rigward iz-zewg (2) aggravji tal-Kunsill konvenut, l-appellat, fir-risposta tieghu, wiegeb hekk:

---

[1] Skond il-Kunsill appellant: "In fatti l-hitan inbnew biss tas-sejjiegh u qatt ma nksew bil-gagazza. Dan johrog mix-xiehda kollha prodotti nkluz l-attur innfisu u l-Perit tieghu l-AIC Edward Scerri. M'hemmx dubju li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata b'mod grossolan meta waslet ghall-konkluzjoni li l-hitan inbnew bis-sejjieh u nksew bil-gagazza. Konsegwentement kienet zbaljata wkoll fil-kalkoli li ghamlet biex waslet ghad-decizjoni dwar l-ammont li ghandu jithallas."

- dwar l-ewwel aggravju:

"*Il-Kunsill huwa korrett meta jghid illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma fehmitx korrettament il-metodu uzat fil-bini tal-hitan tal-gnien ta' Kenuna. Izda, kif spjegat aktar il-fuq, dan fis-sens illi l-qorti ma fehmitx il-kumplikazzjoni fl-intier taghhom u mhux fis-sens oppost illi in effetti ix-xoghol kien aktar semplici minn dak illi fehmet dik l-istess Qorti*"

- dwar it-tieni aggravju:

"... *il-principju 'pacta sunt servanda' huwa irrelevanti ghall kwistjoni odjerna. Fit-tender document mahruga mill-Kunsill ma hemm imkien provdut jew previst ghall-bini tat-tip ta' hitan illi effettivament inbnew mill-esponenti fuq talba, tajjeb jigi enfasizzat, tar-rapprezentanti tal-Kunsill Lokali infushom. Ghalhekk mhux gust, xieraq u lecitu illi l-onerosita` zejda involuta f'dan it-tip ta' hitan ibatiha l-esponenti u mhux il-Kunsill illi ordna u talab il-bini tal-hitan b'dak il-metodu minflok bil-metodi l-aktar tradizzjonali. Ghall-kuntrarju, il-principju illi aktar jaghmel ghall-fattispecje tal-kaz huwa il-principju l-iehor 'omnia labor optat premium' -- Kull xoghol jimmerita il-hlas tieghu*."

**7.** Din il-Qorti ghandha wkoll quddiemha appell incidentali li fih aggravju wiehed li jikkoncerna t-talba li l-appellat Nicky Saliba jithallas l-ammont kollu skond l-istima tal-perit tieghu.

**8.** Mill-provi jirrizulta li l-appellat Saliba kien rebah it-tender numru 12/99-2000 (Building of Rubble Walls)[2]. Skond li *specifications* tat-tender[3], l-appellat kien gie nkarigat li jibni hitan tas-sejjieh u li jforni l-materjal (specjalment il-gebel mehtieg) li permezz tieghu setghu jinbnew dwan il-hitan. L-appellat kien mehtieg li jindika r-rati ghall-hlas tal-bini tal-hitan tas-sejjieh kif ukoll dawk "*for the construction of soft limestone walls consisting of regular soft limestone masonry and faced with rubble. They must also submit rates for the procurement of rubble*

[2] A fol. 62
[3] A fol. 90

*stone. All rubble stone governed by this tender shall consist of prime quality coralline limestone.*"[4] Il-prezzijiet ghal dawn ix-xogholijiet varji jinsab deskritt fil-Bill of Quantities[5] tal-istess tender.

**9.** Wara l-ghotja ta' dawn ix-xogholijiet, l-appellat esegwixxa x-xogholijiet deskritti fit-tender f'diversi inhawi ta' Ghawdex, izda l-kontroversja dwar il-hlas mertu ta' dan l-appell inqalghet meta l-appellat hadem fuq il-hitan li bena fil-gnien maghruf bl-isem "Ta' Kenuna", in-Nadur, Ghawdex. Bhalma ghamlet l-ewwel Qorti, din il-Qorti sejra tikkoncentra biss fuq ix-xogholijiet li saru partikolarment f'dan il-gnien.

**10.** M'huwiex kontestat li l-appellat kellu s-sengha tal-bini tal-hitan tas-sejjieh u li x-xoghol in kwistjoni twettaq skond is-sengha u l-arti. L-appellat fl-affidavit tieghu[6] ddeskriva x-xoghol tieghu hekk: "*Dan ix-xoghol ta' bini tal-hitan tas-sejjieh kien beda jinhadem bil-mod tradizzjonali, cioe` kif is-soltu jinbena. Is-soltu x-xoghol ta' gebel tas-sejjieh isir bi tpoggija ta' gebel maghruf bhala tax-xaghri, impoggi wiehed fuq l-iehor. Il-gebel il-kbir jitpogga taht bhala pedament waqt li fuq jitpogga l-gebel iz-zghir imhallat ma' gebel ftit ikbar minnu. Il-mazkan jitpogga fuq gewwa biex ikollu lok tajjeb ghall-hamrija u biex l-ilma ikun jista jissaffa bejn il-gebel. Ma jintuza l-ebda siment ghal dan it-tip ta' xoghol.*" Ghalkemm ma sar ebda access fuq is-sit in kwistjoni l-ewwel Qorti (u anke din il-Qorti) setghet tara f'hiex kien jikkonsisti x-xoghol mir-ritratti[7] tal-hitan mertu ta' din il-kawza li kienu esebiti mill-appellat. Il-Qorti – almenu zgur <u>din</u> il-Qorti – kellha wkoll l-opportunità li tikkompara dawn il-hitan ma' hitan tas-sejjieh ohra mibnija mill-appellat taht il-kundizzjonijiet tal-istess tender skond ritratti[8] ohra minnu ezibiti.

**11.** L-appellat qal li wettaq ix-xoghol ta' bini tal-hitan tas-sejjieh minghajr ma nghata pjanta ta' kif kien gej il-progett

[4] A fol. 90, paragrafu 3
[5] A fol. 93
[6] A fol. 21
[7] Ritratti markati S4 sa S12 a fol. 29.
[8] Ritratti markati S1 sa S3

izda taht is-supervizjoni tal-Project Manager. L-appellat qal fl-affidavit tieghu li "*dan ix-xoghol ma kienx intghogob mill-Kunsill. Ma kienx intghogob mhux ghax dan ix-xoghol ma kienx sar tajjeb izda ghaliex l-Kunsill hass li x-xoghol kien jigi isbah u jikkomplimenta aktar il-kumplament tal-post, li kieku l-hitan kellhom jinbnew b'gebel zghir u miksijin b'siment abjad*"[9]. Skond l-appellat dan ix-xoghol ma kienx inkluz fit-tender u ddikjara fl-istess affidavit tieghu li hu kien informa lill-Kunsill li ma setax jithallas bl-istess rati miftehma minn qabel. Din il-Qorti tosserva li l-appellat ma pprezenta ebda prova dokumentarja biex isostni li kien avza b'dan lill-Kunsill. L-appellat iddikjara wkoll li l-Project Manager u s-Sindku tal-lokal kienu qalulu li dwar il-prezz "*imbaghad nirrangaw*"[10]. Waqt il-kontro-ezami tieghu l-appellat iddikjara li huwa ma kienx informa lill-Kunsill bil-miktub dwar xogholijiet addizjonali u l-ispiza taghhom izda strah fuq struzzjonijiet verbali tas-Sindku: "*Jien, kif jghidli is-Sindku "imxi hekk". Jien jidhirli li l-Kunsill ikun bil-kelma tas-Sindku, timxi skond il-kelma tas-Sindku. Jien hdimt ma' Kunsill. Kif jghidli s-Sindku, u qatt ma kelli nkwiet*"[11]. Wara li x-xoghol tlesta sar il-kejl tal-hitan mill-Project Manager fil-prezenza tal-appellat u peress li nhass li l-ammont kif kalkolat irrizulta wiehed baxx, l-appellat ikkummissjona lill-Perit Edward Scerri sabiex ikejjel u jistmalu x-xoghol. L-appellat qal li: "*Il-Perit kejjel ix-xoghol u l-istima giet tammonta ghal Lm9,898.64c. L-istima ta' Ruben Curmi kienet tammonta ghal Lm3,734.87*"[12]. Saru laqghat bejn il-Kunsill appellant u l-appellat, izda ma qablux fuq l-istimi rispettivi.

**12.** Fl-affidavit tieghu l-perit Scerri[13] spjega li ghall-iskop li jaghmel stima huwa kien mar ikejjel ix-xoghol wara li kien tlesta u spjega kif ghamel l-istima tieghu: "*Meta gejt biex nohrog il-kont tax-xoghol tal-kuntrattur, iddecidejt li nimxi fuq l-istess kejl, jigifieri l-"quantities". Fir-rigward ta' l-items tat-tender (liema tender kont hrigt jien stess) ma qbiltx mal-kont li hareg il-contract manager tal-kunsill ghaliex*

---

[9] Fol. 22, tieni paragrafu.
[10] A fol 22, tielet paragrafu.
[11] Ara l-kontro-ezami a fol. 45 *et seq.* u b'mod partikolari a fol. 51.
[12] Fol. 22.
[13] Fol. 35 *et seq.*

*dan injora totalment il-fatt li ntuza gebel zghir hafna fil-hajt b'mod li dan gie qisu interzjat. Il-kuntrattur ha l-istess xoghol daqs li kieku bena l-hitan tas-sejjieh u rega ksiehom minn barra dawramejt bil-gagazza. Minhabba f'hekk jiena hassejt li barra li kelli napplika l-item tal-kubagg tal-hitan tas-sejjieh, kelli napplika l-item ukoll tal-kisi tal-hitan bil-gagazza. Ikkalkulajt ukoll average ta' madwar ghaxar centimetre (10cm) hxuna orizzontali ta' cement fil-pedament u fil-coping tal-hitan. Zgur li l-konkos li ntuza kien jammonta ghal hafna iktar jekk tqis il-konkos li ntuza bejn il-gebel tal-hitan. Lanqas ikkalkulajt xejn extra fil-prezz talli intuza siment abjad.*" L-istima tal-Perit Scerri tinsab annessa mal-affidavit tieghu markata bhala dokumenti KEN 1A, KEN 1B u KEN 2.

**13.** Skond l-Inginier Ruben Curmi, l-appellat "*kellu jibni hitan tas-sejjieh madwar il-partijiet kollha li kellhom jigu bil-hamrija. Nghid illi dan ix-xoghol kien jinkludi l-konkos fil-hitan biex ma jaqghux*"[14]. Il-Contract Manager qal li huwa kien ikun regolari fuq il-post fejn kienu qeghdin isiru x-xogholijiet u osserva li kien hemm drabi meta nqalghu problemi ghax l-appellat kien igib il-materjal tal-gebel imhallat ma' laqx, hafna terrapien u trab u dan kien ifisser li l-appellat kellu joqghod jaghzel il-gebel u jkisser dak li kien kbir hafna. Però, minkejja dawn il-problemi l-Contract Manager qal li; "*il-hitan nbnew a sodisfazzjon tieghi u tal-Kunsill hlief ghal xi eccezzjonijiet zghar fejn kien hemm bzonn li bicciet mill-hitan jinqalghu u jinbnew mill-gdid minhabba bidliet zghar fil-pjanti*"[15]. Il-Contract Manager qal fl-affidavit tieghu li wara li tlestew ix-xogholijiet u ghamel il-kejl mehtieg huwa hareg il-kont skond ir-rati kkwotati fit-tender mill-appellat. L-Inginier Curmi qal li "*dan il-kont kif mahrug minni kien jinkludi fih il-hitan kollha mibnija kemm dawk ezistenti kif ukoll dawk li kienu nbnew u nqalghu minhabba bdil fil-pjanti*." Rigward id-differenza bejn il-kont tieghu u dak tal-Perit Scerri, il-Contract Manager fl-affidavit tieghu spjega li "*dan ghaliex filwaqt li x-xoghol kollu b'xi eccezzjoni zghira kien jikkonsisti f'bini ta' hitan tas-sejjiegh*, *il-Perit Scerri fil-kont*

[14] A fol. 101
[15] A fol. 102

*tieghu nizzel xoghol ta' bini ta' hitan tas-sejjiegh uu* (recte: u) *kompla zied xoghol ta' gagazza fuq l-istess hitan. Haga li ma taghmilx sens u li fil-fatt ma gratx. Meta mistoqsi ghaliex kien qed isir dan l-uniku risposta kienet li ghax kien hemm hafna xoghol.*" L-istima u l-kalkolu tal-kont tal-Contract Manager tinsab a fol. 166 sa fol. 167 tal-process markat bhala dokument RMA9.

**14.** Din il-Qorti tosserva li ma kienx gie appuntat espert tekniku sabiex jassisti lill-ewwel Qorti li ovvjament kienet rinfaccjata b'zewg stimi konfiggenti. Mix-xiehda li taw l-appellat, missieru, il-Perit Scerri, il-Contract Manager u mill-istess *tender documents* il-mod kif fil-prattika jinbnew il-hajt tas-sejjieh u l-hajt bil-gagazza gie spjegat ampjament lill-Qorti. Din il-Qorti tosserva wkoll li skond il-ligi[16], insibu distinzjoni bejn iz-zewg tipi ta' hitan li huma s-suggett tal-kontrovesja ta' din il-kawza. Ir-Regolamenti dwar Hitan Tas-Sejjieh u Strutturi Rurali (Konservazzjoni u Manutenzzjoni)[17] jaghtu s-segwenti tifsira ta' hajt tas-sejjieh:

"*'hajt tas-sejjieh' tfisser hajt tal-gebel niexef, imtella' b'gebel mhux imkahhal u mhux mingur jew mingur b'mod mhux irfinut, li jzomm wieqaf bit-toqol u taghfis ta' gebla ma' gebla minghajr ebda htiega ta' tajn;*"

Fl-istess regolamenti nsibu tifsira ta' struttura rurali, u cioè:

"*'struttura rurali' tfisser kull binja rurali tradizzjonali, u tinkludi wkoll kull hajt divizorju mibni gebla fuq gebla bil-gebel tal-kantun, u li jimmarka l-konfini ta' fond rurali.*"

**15.** Applikati dawn it-tifsiriet ghall-kaz in dizamina, din il-Qorti hi tal-fehma li hawn si tratta ta' hajt tas-sejjieh <u>wiehed</u> ghalkemm mal-materjal tal-gebel li ntuza sabiex jinbena l-hajt tas-sejjieh kien gie applikat is-*cement* u

[16] L-Att biex Ihares l-Ambjent [Kap. 435, Ligijiet ta' Malta] u r-Regolamenti dwar Hitan tas-Sejjieh u Strutturi Rurali (Konservazzjoni u Manutenzjoni), A.L. 160/1997 (L.S. 435.09).
[17] Regolament 4 ta' L.S. 435.09

ghalhekk tali hajt m'ghandux jigi kkunsidrat u stmat bhala zewg hitan f'wiehed – wiehed tas-sejjieh u l-iehor tal-gagazza bir-rati rispettivi taghhom. Fil-fatt, il-Perit tal-appellat iggustifika l-applikazzjoni taz-zewg prezzijiet differenti flimkien ghaliex: "*il-kuntrattur ha l-istess xoghol daqs li kieku bena l-hitan tas-sejjieh u rega' ksiehom minn barra dawramejt bil-gagazza*"[18]. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' l-ewwel Qorti meta din tal-ahhar strahet fuq dan l-estratt mill-affidavit tal-Perit Scerri *ad litteram* u fehmet li: "*fix-xoghol l-attur bena hitan tas-sejjieh li rega ksiehom minn barra bil-metodu tal-gagazza*" u mbaghad abbazi ta' din il-fehma ddecidiet li l-hlas ghandu jirrifletti x-xoghol li sar. Ma' din il-fehma la l-Kunsill appellant, kif jidher mill-ewwel aggravju tieghu, u lanqas l-appellat ma qablu, tant li fir-risposta ghall-appell u l-appell incidentali, l-appellat isostni li l-ewwel Qorti: "*immisinterpretat dak illi xehed il-perit Scerri dwar il-metodologija rikjesta sabiex jinbnew dan it-tip ta' hitan. Il-bini ta' dawn il-hitan ma jinvolvix il-bini ta' hajt tas-sejjieh bil-metodu konvenzjonali w imbaghad il-kisi taghhom bil-gagazza. Kollox isir kontemporanjament fis-sens illi x-xoghol jittella f'kolp wiehed billi l-ucuh jigu iffurmati minn gebel zghir illi jigi allinjat u irrangat minuzzjosament sabiex il-gnub tieghu jkunu dritti xemgha, kemm orizzontalment kif ukoll vertikalment. U minflok ma dawn il-gnub jinbnew fuq hajt tal-kantun illi jkun sar precedentement, fl-istess waqt illi jkunu telghin il-gnub tinbena ukoll il-parti tan-nofs interament b'gebel tas-sejjieh*" – kif, din il-Qorti tosserva, effettivament jidher fir-ritratti a Dokti. S4 sa S12.

**16.** Ghalhekk, l-ewwel aggravju tal-Kunsill appellant qieghed jigu milqugh.

**17.** Fit-tieni aggravju tieghu l-Kunsill appellant jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-principju *'pacta sunt servanda'* u tiddikjara li ftehim ma jistax jindibel unilateralment kif gara fil-kaz odjern. Il-Kunsill appellant jirreferi ghall-paragrafu 4 ta' li *Specifications* li jipprovdi l-procedura li riedet tigi segwita f'kaz li kuntrattur kien se jirrikjedi materjal addizzjonali u b'hekk se jidhol f'izjed

[18] A fol. 35

spejjez milli kien anticipa fit-tender tieghu. B'risposta ghal dan it-tieni aggravju, l-appellat wiegeb li ghandu japplika l-principju ta' '*omnia labor optat premium'*.

**18.** M'huwiex kontestat li din il-kawza titratta dwar ir-relazzjoni sostantiva bejn il-partijiet "*li tikkonsisti fin-negozju proprju li jwassal ghar-relazzjoni guridika attwali, u l-kuntratt finali bejn il-partijiet dwar ix-xoghol, servizzi jew fornitura ta' oggetti rikjesti. Illi din il-kawza titratta proprju dwar r-relazzjoni sostantiva bejn s-socjeta` attrici u l-entita` konvenuta ghall-esekuzjoni tax-xoghol ta' appalt da parte tas-socjeta` attrici fuq inkarigu u a beneficcju tal-entita` konvenuta, li hija ghalhekk l-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni ghall-hlas tal-bilanc dovut konsegwenti ghall-istess xogholijiet*."[19] Mill-process ma hemmx kontestazzjoni li l-pattijiet u l-kundizzjonijiet tat-tender numru 12/99-2000 (Building of Rubble Walls) japplikaw fir-relazzjoni guridika bejn il-Kunsill appellant u l-kuntrattur appellat. Hadd mill-partijiet ma lmenta li xi wahda jew izjed minn dawn il-pattijiet u kondizzjoni (b'mod partikolari l-paragrafu 4 ta' li *Specifications*) huma ambigwi u li jimmeritaw interpretazzjoni ai termini tal-Artikolu 1004 tal-Kodici Civili, (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalhekk, skond it-taghlim li nsibu fil-gurisprudenza taghna, "*il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*"[20]. Issa, mill-process ma jirrizultax li l-appellat, meta ra li kien se jizdiedulu x-xoghol u l-ispejjez, ottempera ruhu mal-procedura mehtiega mill-kundizzjoni li nsibu f'li *Specifications*. Hu stess, kif gja intqal izjed 'il fuq f'dan l-appell, strah biss fuq il-kelma tas-Sindku ghax ghalih is-Sindku u l-Kunsill huma sinonimi[21]. Quddiem l-ewwel Qorti ghajr ghall-istima tal-Perit Scerri, l-appellat ma kkorroborax dak li qal fl-affidavit tieghu li huwa ghamel spejjez addizzjonali f'materjal u xoghol. Fil-fatt ma

---

[19] **Vassallo Builders Limited illum maghrufa bl-isem Vassallo Builders Group Limited v. Profs. Rev. Peter Serracino Inglott bhala Rettur nomine**, Prim Awla tal-Qorti Civili, Citaz. Numru: 513/96/RCP, 2 ta' Ottubru, 2001

[20] **Gloria mart Jonathan Beacom et v. l-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines**, Qorti tal-Appell, 5 ta' Ottubru 1998

[21] Ara a fol. 51

pprezenta ebda fattura u/jew ricevuta f'dan is-sens. Madanakollu, izda, fil-gurisprudenza taghna nsibu wkoll li:

**"Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi *omnia labor, optat premium*. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak il-kwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti"** [22]

**19.** Issa, in vista tal-fatt li din il-Qorti laqghet l-ewwel aggravju tal-Kunsill appellant, kif ukoll in vista tal-asserzjoni daparti tal-appellat li ghamel xoghol u spejjez addizzjonali, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar gust u ekwu li tirrinvija l-kawza lura lill-ewwel Qorti sabiex din, bl-assistenza ta' perit tekniku, tistabilixxi jekk l-appellat ipprestax servizzi u jekk forniex materjal <u>izjed minn dak pattwit</u> bejn il-partijiet u sabiex tiddeciedi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn aktar 'l fuq maghmula, dwar x'inhu verament dovut lill-appellat, b'mod ghalhekk li tinvesti mill-gdid it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut.

## <u>Decide</u>

**20.** Ghal dawn il-motivi tipprovdi kemm dwar l-appell kif ukoll dwar l-appell incidentali billi thassar u tirrevoka s-

[22] **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace v. Sunrise Park Hotels Ltd (C 2587) u Paul Debono ghall kull interess li jista' jkollu**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 20 ta' Novembru 2009.

sentenza appellata tal-25 ta’ Ottubru 2007 u tibghat lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din tiddeciedi dwar it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut fid-dawl ta’ dak indikat fl-odjerna sentenza. Spejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi; dawk ta’ dana l-appell jibqghu ukoll bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------